MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 707/2008

**Lawrence Gatt**

**Vs**

**Frank Micallef**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-22 ta' Settembru, 2008 fejn intalab illi l-konvenut ghandu jigi kkunddannat ihallas lil attur s-somma ta' elfejn Ewro (€2,000) dovuti minnu ghal torba u ramel li kien ordna u li l-attur ikkonsenja fl-indirizz indikat mill-konvenut, liema somma baqghet mhux imhallsa minkejja li kien interpellat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali.

Ra ukoll ir-Risposta ipprezentata fid-9 ta' Ottubru, 2008 fejn l-konvenut qed tallega illi Frank Micallef mhux il-

legittimu kontradittur u ghalhekk ghandu jigi liberat ab observantia. Inoltre l-ammont huwa wiehed eccessiv u mhux skond ir-rati pattwiti u r-ramel supplit mill-attur ma kienx idoneu u tal-kwalita mehtiega tant li kellu jigi orndat ramel minghand terz. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti u f’kull kaz hemm lok ukoll ghal tnaqqis mill-ammont reklamat in linea ta kumpens gudizzjarja.

Illi sussegwentement in vista tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut gie kjamat in kawza l-kumpanija St Edwards Company Limited, li wara li giet notifikata aderixxiet ruhha mal-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenut.

It-Tribunal ezamina x-xhieda li ngiebet.

Illi bil-gurament tieghu l-avukat difensur tal-attur iddikjara illi l-ammont kien ghadu sa dak inhar mhux imhallas.

Illi permezz ta’ affidavit il-konvenut iddikjara li huwa azzjonista u direttur tas-socjeta St Edwards Company Limited, li d-direttur u l-azzjonist l-iehor huwa Carmel Facciol. Fl-affidavit tieghu l-konvenut ammetta illi x-xoghol ingieb pero fi kliemu stess qal “L-attur kien beda x-xoghol u rrizultalna li ma kienx qed igib materjal kif konna ftehmna fuqu izda kien qed igib materjal ta’ kwalita inferjuri, kemm ghal dak li huwa torba kif ukoll ghal dak li huwa ramel.” Ghalhekk il-konvenut kien konsapevoli tal-materjal li kien qed jingieb. Madankollu x-xoghol zammu xorta u qal li uzah b’mod iehor. Il-konvenut qal ukoll illi kien hallas l-ammont ta’ tmien mitt lira maltiin (Lm800) u cioe’ ekkwivalenti ghal elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1,863.50) li sebgha mija (Lm 700) u cioe’ ekkwivalenti ghal elf sitt mija u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56) minnhom kienu cash. Min-naha tieghu Carmel Facciol id-direttur u l-azzjonist l-iehor tal-kumpanija kjamata in kawza kkonferma dak kollu li qal Frank Micallef.

Imbaghad xehed Noel Borg li kien pogga l-madum fl-appartament fejn l-attur kien ha r-ramel u t-torba u kkonferma dak li qal Frank Micallef. Dan ix-xhud qal illi r-

ramel u t-torba li kien gab l-attur kien ohxon u qal "….biex ma jinhelhiex jien uzajtu u wittejtu mat-torba".

Fil-kontro ezami tieghu Frank Micallef tkellem fuq l-ammont mitlub ta' elfejn Ewro (€2,000) u qal "Ftehmna prezz imma ma nistax nitfakar x'kien ezatt il-prezz pero qed jigi ssuggerit lil l-ammont ta elfejn Ewro (€2,000) pero jien nghid illi dak kien ghal materjal il-hazin peress illi l-ammont kien ferm aktar.

It-Tribunal ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u jinnota illi l-ewwel eccezzjoni giet sorvolata peress illi giet kjamata in kawza s-socjeta St Edwards Company Limited.

Rigward it-tieni eccezzjoni li l-ammont huwa eccessiv dan gie kontradett mill-attur stess fil-kontroezami tieghu fejn l-ewwel fl-affidavit tieghu qal li hallas l-ammont ta' tmien mitt Lira Maltin (Lm800) u cioe' ekkwivalenti ghal elf tmien mija u tlieta u sittin Ewro u hamsin centezmu (€1,863.50) li sebgha mija (Lm 700) u cioe' ekkwivalenti ghal elf sitt mija u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56) minnhom kien cash imbaghad fil-kontro ezami qal li l-ammont ta' elfejn Ewro (€2,000) huwa ghal materjal il-hazin peress illi l-ammont kollu kien ferm aktar.

Mix-xhieda hareg ukoll illi ma ngabet l-ebda oggezzjoni jekk filfatt il-materjal twassalx fuq il-post jew le anzi l-partijiet qablu li x-xoghol twassal imma twassal materjal inferjuri li madankollu l-konvenut zamm xorta u ma rritornahx lura u minkejja kollox uzah ghalkemm qal li uzah b'mod differenti minn dak li ordnat ghalih.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvat, filwaqt illi t-Tribunal jillibera l-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-kjamat in kawza ihallas lil-attur is-somma ta' elfejn Ewro (€2,000).

L-ispejjez tal-kawza jinqasmu minn-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------